MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**VINCENT GALEA**

Seduta tas-17 ta' Settembru, 2013

Talba Numru. 32/2011

**Carmel AGIUS [ID. No. 22266G]**

**Vs**

**ABBA PROPERTIES LIMITED**

**It-Tribunal,**

Ra **t-talba tar-rikorrenti mressqa fit-18 ta’ Novembru, 2011** u li permezz taghha talab il-hlas, minghand is-socjeta intimata, tas-somma ta’ elf seba’ mija u sebgha u erbghin euro u tlett centezmi ta’ euro [€1,747.03c] u dan wara li ppremetta hekk:

“Illi l-attur ghandu jiehu s-somma ta’ elf seba’ mija u sebgha u erbghin euro u tlett ċenteżmi (€1,767.03c) minn ghand il-kumpanija konvenuta rappreżentanti bilanċ ta’ prezz ta’ xoghol ta’ bajjad u xoghol iehor relatat mal-kostruzzjoni.

TGHID ghalhekk il-kumpanija konvenuta ghaliex ma ghandhiex tkun ikkundannata minn dan it-Tribunal sabiex thallas lill-attur is-somma ta' elf seba' mija u sebgha u erbghin euro u tlett ċenteżmi (€1,747.03c) kif fuq dovuti.

Bl-imghax kummerċjali mid-data tat-tlestija tax-xoghol.

Bl-ispejjez kollha nklużi dawk ta' ittri interpellatorji ta' l-4 ta' Awwissu 2011 u ta' l-24 ta' Awwissu 2011.

Bl-ingunzjoni tal-konvenuta minn issa ghas-subizzjoni".

Ra **r-risposta tas-socjeta intimata** minnha mressqa fit-22 ta' Dicembru, 2011 u li permezz taghha hija rrispondiet hekk ghat-talba tar-rikorrenti:

"1. Preliminarjament huwa inkoncepibbli li ġudikant li ddekreta din it-talba u jiffirma wkoll l-avviz promotur bhalma gara f'dan il-kaz.

2. Il-preskrizzjoni kwinkwinnali stante li ex admissis mill-attur ix-xoghol li tieghu qed jintalab l-hlas sar iktar minn hames snin qabel 24 ta' Awwissu 2011.

3. Fi kwalunkwe kaz u minghajr preġudizzju ghal premess l-esponenti ma ghandhom ebda relazzjoni ġuridika mal-attur".

Ra d-digriet moghti fit-3 ta' April, 2013 ghar-rikors ppreżentat fid-19 ta' Frar, 2013 fejn it-Tribunal laqa' t-talba tas-socjeta intimata biex jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza u sabiex hija tkun tista tippreżenta l-provi taghha.

Ra d-digriet datat 5 ta' April, 2013 fejn it-Tribunal ordna lis-socjeta intimata sabiex hija sad-19 ta' April, 2013 permezz ta' nota, notifikata lid-difensur tal-kontro-parti:

a) Tesebixxi ċertifikat tal-mewt ta' Frenc Attard;

b) Taghti rendikont qasir u dettaljat li fiha tindika d-dati li fihom saru l-allegati hlasijiet lir-rikorrenti minnha, u jekk

dawn il-hlasijiet saru b'cekkijiet, allura d-data ta' meta dawn gew imssarfa;

c) Li tindika l-artikolu tal-ligi li qeghda tinvoka biex tghid li l-azzjoni intavolata hija perenta;

It-Tribunal irriserva li jipprovdi ulterjorment waqt is-smiegh tat-Talba waqt is-seduta tat-23 ta' April, 2013.

Ra n-nota mressqa mis-socjeta intimata fejn gie esebit ic-certifikat tal-mewt ta' Frenc Attard u d-dikjarazzjoni li hija ma ghandha l-ebda dokumentazzjoni ta' hlasijiet li saru lir-rikorrenti la qabel u lanqas wara l-mewt ta' Frenc Attard.

Ra l-verbal datat 23 ta' April, 2013 fejn id-difensur tas-socjeta intimata ddikjara li l-artikolu relattiv ghar-rigward tal-preskrizzjoni eccepita huwa l-artikolu 2148(a) tal-Kodici Civili.

Ra l-verbal datat 20 ta' Gunju, 2013 fejn il-kawza thalliet ghas-sentenza ghal-lum;

Semgha' x-xhieda u t-trattazzjoni;

Ra l-atti;

Ikkunsidra:-

1. Permezz ta' din il-kawza, ir-rikorrenti qieghed jitlob minghand is-socjeta intimata l-hlas tas-somma ta' elf seba' mija u sebgha u erbghin euro u tlett centezmi ta' euro [€1,747.03c], liema ammont jirrappreżenta bilanċ ta' xoghol ta' bajjad u xoghol iehor relatat mal-kostruzzjoni. Is-socjeta intimata da parti taghha fl-ewwel lok qalet li huwa nkoncepibbli li ġudikant li ddekreta t-talba odjerna jiffirma wkoll l-avviz promotur. Fit-tieni lok ecceppiet il-preskrizzjoni kwinkwinnali stante li ex admissis, ir-rikorrenti qieghed jitlob il-hlas ghal-xoghol li ilu li sar ghal aktar minn hames snin. Finalment tghid li hi ma ghandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti.

2. Mix-xhieda u dokumentazzjoni prodotta f'dawn il-proceduri rrizulta s-segwenti:

i. **Joseph Bonnici**, tressaq mir-rikorrenti u xehed permezz tal-procedura ta' l-affidavit. Beda biex qal li huwa kien gie mahtur bhala direttur fis-socjeta intimata u dan sabiex ikollu kontroll fuq din il-kumpanija. Zied ighid li huwa kien *silent partner* f'din il-kumpanija ma Frenc Attard. Flimkien ma dan ta' l-ahhar, huwa kien dahal f'bicca negozju ta' appartamenti f'Kercem, Ghawdex. Qal illi madwar hmistax-il sena ilu, hu u Frenc Attard, permezz tas-socjeta intimata kienu xtraw u akkwistaw xi appartamenti gebel u saqaf kif ukoll bnew *penthouse*.

Ir-rikorrenti, jkompli jghid dan ix-xhud, kien gie nkarigat minnhom sabiex jaghmel ix-xoghol ta' tibjid, tikhil, tqeghid ta' madum u xoghol iehor ta' finishing f'din il-blokka. Ir-rikorrenti kien hadem kemm l-appartamenti kif ukoll il-partijiet komuni. Qabel ma beda x-xoghol ir-rikorrenti, kien gie ffirmat ftehim bil-miktub bejn il-partijiet, liema ftehim kien gie ffirmat mix-xhud, minn Frenc Attard u mir-rikorrenti.

Ix-xhud jistqarr ukoll li "*jiena u Attard konna nahdmu kollox bi shab nofs bin-nofs, fis-sens illi anke l-ispejjes kienu jithallsu nofs bin-nofs bejnietna*" (fol. 23). Wara li tlesta x-xoghol li kien gie nkarigat jaghmel ir-rikorrenti, is-socjeta intimata kienet tohrog cekk, sabiex thallas. Dan il-kont, jkompli jghid ix-xhud, kien jithallas "*bicca bicca*" (fol. 23).

Xi ftit xhur qabel ma miet Frenc Attard, jghid ix-xhud Bonnici, kienu ltaqghu t-tlieta li huma fil-garaxx tax-xhud u hemm kienu qablu bejniethom li l-ammont li kien ghad fadallu jircievi r-rikorrenti kien ta' elf u hames mitt liri Maltin (Lm1,500) pari ghal tlett elef erba' mija erbgha u disghin euro u sitt centezmi ta' euro [€3,494.06c]. Ighid li "*dawn kellhom jithallsu bejn tnejn jigifieri seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) kull wiehed. Dan niftakru car*" (fol. 23). Wara li kien miet Attard, ix-xhud ighid li huwa kien kellem lir-rikorrenti u talbu biex jistenna l-ghaliex ma

kienx f'posizzjoni li jhallsu kollox, izda aktar tard hallsu n-nofs tieghu.

ii. Fis-seduta tat-18 ta' Mejju, 2012 **xehed ir-rikorrenti Carmel Agius**. Beda biex qal li s-sengha tieghu hija ta' bajjad u li jqieghed il-madum. Qal li kienu avvicinawh Joseph Bonnici u Frencu Attard u qalulu li kellhom xi xogholijiet li xtaqu jaghmlu fi proprjeta taghhom gewwa Kercem. Fil-fatt, ikompli jghid ir-rikorrenti, huma kienu marru fuq il-lant tax-xoghol u wara li ra dak li kellu jsir, kien ghamel stima u ghaddieha lill-imsemmija Bonnici u Attard. Qal li "*... x-xoghol li kien rikjest minni kif diga semmejt kien li nbajjad u nqieghed il-madum f'dan il-blokk ta' appartamenti kif ukoll fil-parti komun. Nghid li b'kollox units kien hemm disgha*" (fol. 24). L-istruzzjonijiet, ighid ir-rikorrenti, huwa kien jircevihom minn ghand dawn it-tnejn minn nies. Huwa qal li l-prezz li gie miftiehem bejnu u bejn dawn iz-zewg persuni kien, jekk mhux sejjer zball, fl-ammont ta' sitt elef liri Maltin (Lm6,000). Ix-xoghol li kellhu jaghmel ir-rikorrenti kien jinkludi kemm tibjid, kemm tikhil u kemm it-tqeghid tal-madum. Waqt li kien ghaddej ix-xoghol, huwa kien jitlob pagamenti akkont tal-prezz miftiehem lil Joseph Bonnici u dan kien igiblu cekkijiet li kienu ffirmati minn zewg persuni u cioe l-istess Bonnici u Frenc Attard. Ic-cekkijiet, ighid ir-rikorrenti, kienu jinhargu mis-socjeta intimata Abba Properties Limited. Zied ighid li huwa ircieva madwar sitta (6) jew seba' (7) pagamenti b'kollox. Ghar-rigward tal-bilanc, ir-rikorrenti jghid li, huwa kien jitolbu jew lil Frenc Attard jew lil Joseph Bonnici.

Ir-rikorrenti qal li kien ghad fadal bilanc ta' Lm1,500 u meta miet Frenc Attard, huwa baqa javvicina lil Joseph Bonnici biex jiehu l-hlas dovut lilu. Biex waslu ghal dan l-ammont ta' Lm1,500, ir-rikorrenti jghid li huwa kien iltaqa ma Joseph Bonnici u Frenc Attard gewwa garaxx fix-Xewkija. Dan l-inkontru kien sar madwar erba snin qabel ma xehed ir-rikorrenti u ovvjament qabel ma kien gie nieqes Frenc Attard. Wara li gie nieqes Frenc Attard, Joseph Bonnici ghadda nofs il-bilanc dovut. Dan kien madwar sena qabel ma xehed u l-hlas kien sar fi flus kontanti. Ir-rikorrenti jghid li kien gie nfurmat li kien hemm xi trattattivi ghaddejjin bejn l-istess Joseph Bonnici u l-

eredi ta’ Frenc Attard pero stqarr li ma kienx jaf x’kienu dawn it-trattattivi.

B’referenza ghall-hlas tal-bilanc ta’ Lm750 pari ghal €1,747.03c (li huwa l-ammont li qieghed jintalab mir-rikorrenti f’dawn il-proceduri), ir-rikorrenti jghid li huwa kien avvicina lill eredi ta’ Frenc Attard u cioe lil Miguel Attard biex jitolbu l-hlas izda hu kien ighidlu li hu ma kienx jafu u ghalhekk ma kienx ser ihallsu. Ir-rikorrenti jghid li Frenc Attard qatt ma cahdu mill-ammont lilu dovut, pero kien ighidlu biex jistenna u li kien ser jghaddilu bicca xoghol ohra u li hu kien dejjem mohhu fil-flus.

In kontro-ezami, r-rikorrenti qal li l-pagamenti li kien jircievi “*... jidhirli li kont nircievi zewg cekkijiet f’ammont ekwivalenti, wiehed kien jaghtihuli Attard u l-iehor Bonnici. Madanakollu nghid ukoll li mhux l-ewwel darba li kienu jaghtuni cekk wiehed bejniethom... ic-cekkijiet li kont nircievi dejjem kienu jkunu ta’ Abba Properties Limited*” (fol. 25).

Mistoqsi kif wasal ghal konkluzzjoni li kien gie nkarigat biex jaghmel dawn ix-xogholijiet mis-socjeta intimata u mhux minn Joseph Bonnici u Frenc Attard personalment, ix-xhud ighid li “*... jien wasalt ghal din il-konkluzzjoni ghaliex l-izvilupp kien qed isir jew kien sar minn Abba Properties Limited*” (fol. 25). Qal ukoll li huwa kien ra sinjal mal-faccata tal-blokka ta’ appartamenti in kwistjoni li kienet tindika isem is-socjeta intimata u meta avvicinawh Joseph Bonnici u Frenc Attard huwa assuma li kienu qed jipprezentaw lil kumpanija intimata.

iii. Mid-dokumentazzjoni esebita mir-rikorrenti jirrizulta s-segwenti:

a) Li Joseph Bonnici kien l-ewwel Chairman u Managing Director tas-socjeta intimata li twaqqfet fil-15 ta’ Jannar, 1990 (dok. CA 1 a fol. 29 et seq.);

b) Fis-7 ta’ Settembru, 1999 Joseph Bonnici rriżenja minn Direttur fl-istess soċjetà intimata (dok. CA 2 a fol. 39);

c) Fil-5 ta’ Settembru, 1991 is-socjeta intimata xtrat u akkwistat permezz ta’ kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech minghand M.I.G. Limited “*il-blokk ta’ flats, f’fazi ta’ kostruzzjoni minghajr numru estern fi Triq Sruq, Kercem, Gozo*” (dok. X a fol. 44 et seq). Fuq dan il-kuntratt ghas-socjeta intimata deher Joseph Bonnici.

iv. Fis-seduta tat-23 ta’ April, 2013 **xehed Miguel Attard**, prodott mis-socjeta intimata. Beda biex qal li meta gie nieqes missieru, ommu hadet it-tmexxija tas-socjeta intimata. Mistoqsi mit-Tribunal jekk hu kienx jaf xi haġa fuq dan in-negozju li kien ghamel missieru, ix-xhud wieġeb fin-negattiv. Zied ighid li Joseph Bonnici kien shab ma’ missieru u dan ghar-rigward ta’ xi bini ta’ appartamenti ġewwa Kercem, Ghawdex. Kompla jghid li madwar sentejn ilu kien kellimu r-rikorrenti u huwa qallu biex jippruvaw jirranġaw. Wara li kien qallu dan id-diskors huwa kien mar lura d-dar ta’ ommu u staqsieha jekk kienitx taf xi haġa fuq din il-kwistjoni. Staqsa ukoll lil hutu, iżda lkoll qalulu li ma kienu jafu b’xejn fuq din il-kwistjoni. Ix-xhud stqarr li meta kien iltaqa mar-rikorrenti, huwa “*ma kienx qali ghalfejn kien qed jitlob dawn il-flus. Anke d-dar meta semmejt isem Carmel Agius hadd ma jaf min hu dan. Provajna infittxu karti dwar Carmel Agius u ma sibna xejn*” (fol. 72). Mistoqsi jekk missieru u Joseph Bonnici kienux miggildin, ix-xhud qal li ma jafx. Li jaf huwa li kienu shab fin-negozju.

Ix-xhud ighid li huwa kien mar jiltaqa’ ma Joseph Bonnici gewwa l-garaxx li ghandu x-Xewkija fejn dan Bonnici kien qallu li kien ser jurih xi karti dwar il-pagament li kellhom jaghtu lir-rikorrenti odjern. Ix-xhud jghid li fil-fatt ma kien urieh xejn. Kompla jghid li dan Bonnici kien qallu “*li bil-ligi ma ghandna naghtuh xejn ghax ilu li gara dan il-kaz. Pero’ bl-irgulija ghandna naghtuh dawn il-flus. Jien ghidtlu li b’xi mod insibu tarf din il-bicca xoghol*” (fol. 72). Huwa qal li ghalkemm fuq il-karti tal-kumpanija ismu mhux hemm, huwa jaf x’kien qieghed jiġri. Wara li tkellem mar-ragel ta’ ohtu gie deċiż li ma jhallsux lir-rikorrenti, dan peress li “*tant ghada zmien f’din il-kwisjtoni u tant ma ghandna idea ta’ xejn ili ghalhekk iddecidejna li ma konna se nhallsu ta’*

*xejn*” (fol. 72). Ghalaq billi qal li huma mhux ser ihallsu xejn l-ghaliex ghadda hafna żmien fuq din il-kwistjoni.

Ikkunsidra;

3. L-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta intimata ġiet indirizzata fid-digriet ta’ dan it-Tribunal kif diversament ippresedut datat 6 ta’ Jannar, 2012 fejn il-Gudikatur Dr. Kevin Mompalao qara digriet ta’ astensjoni bil-miftuh hekk kif titlob il-ligi. Sussegwentement, dan il-kaz gie quddiem Gudikatur iehor u ghalhekk din l-eccezzjoni llum il-gurnata ma ghadx hemm lok li jinghad xejn aktar dwarha u konsegwentement qeghda tiġi michuda.

Ikkunsidra ulterjorment;

4. It-tieni eċċezzjoni mqanqla mis-socjeta intimata hija dik dwar il-preskrizzjoni kwinkwinnali stante li ex admissis mir-rikorrenti x-xoghol li tieghu qieghed jintalab il-hlas sar iktar minn hames snin qabel l-24 ta’ Awwissu, 2011. Is-socjeta intimata, fin-nota taghha mressqa fit-12 ta’ Gunju, 2013 tghid li “*huwa ferm sorprendenti li filwaqt li l-attur jiġi issa jiccita lil Joseph Bonnici u x’qal jew ma qalx Joseph Bonnici, li dejjem jibqa detto del detto, ma ġiex prodott l-istess Joseph Bonnici biex jixhed bhala xhud. Jew beza l-attur li dak li seta jixhed Joseph Bonnici seta ma jagevolax il-kawza tieghu?*” (fol. 78). It-Tribunal jirrileva li fir-rejalta, Joseph Bonnici xehed u dan ghamlu permezz ta’ affidavit li gie ppreżentat permezz ta’ nota datata 23 ta’ Marzu, 2012 (fol. 22 et seq). Ghar-rigward tal-kwistjoni mqanqla mis-socjeta intimata fl-imsemmija nota dwar il-kwistjoni tal-*detto del detto*, t-Tribunal jaghmel referenza ghall-artikolu 9 tal-Kap. 380 u cioe l-Att Dwar Tribunal ghal Talbiet Zghar li jghid hekk:

“9. (1) Bla hsara ghad-disposizzjonijiet ta’ kull regola maghmula skont l-artikolu 16 u skont id-disposizzjonijiet tas-subartikolu (2), ġudikatur jirregola l-procedimenti quddiem Tribunal kif ikun jidhirlu xieraq skont id-dettami tal-gustizzja naturali.

(2) Bla hsara ghal kull regola msemmija fis-subartikolu (1), ġudikatur –

(b) ghandu jitgharraf b'kull mod li jista jidhirlu xieraq u ma jkunx marbut bil-prattika dwar l-ahjar prova jew dwar xhieda fuq kliem haddiehor jekk ikun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera li biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkun qed jittratta;"

5. Imbaghad l-artikolu 7 ta' l-imsemmi att jghid li:

"(1) It-tribunal ghandu jaqta kull talba u kontro-talba li jkollu quddiemu prinċipalment skont l-ekwita:

Izda, f'kull kaz, kull kwistjoni li jista jkun hemm dwar il-preskrizzjoni ghandha tinqata skont il-ligi"

6. Mela allura l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tiġi deċiża skond il-ligi però ghal kwistjonijiet l-ohra, anke bhal *detto del detto*, jekk it-Tribunal jkun sodisfatt li x-xhieda li jkollu quddiemu tkun biżżejjed veritiera biex biha jista jasal biex jaqta l-kaz li jkollu quddiemu huwa ma huwiex marbut mal-prattika li din it-tip ta' xhieda tiġi skartata. L-iktar haga importanti huwa li t-Tribunal jimxi mad-dettami tal-gustizzja naturali u mar-regoli maghmula taht il-Kapitolu 380.

7. Mill-provi prodotti u dokumentazzjoni esebita, jirrizulta li Joseph Bonnici kien l-ewwel *Chairman* u *Managing Director* tas-socjeta intimata li twaqqfet fil-15 ta' Jannar, 1990 (dok. CA 1 a fol. 29 et seq.). Fil-5 ta' Settembru, 1991 is-socjeta intimata xtrat u akkwistat permezz ta' kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Ino Mario Grech minghand M.I.G. Limited "*il-blokk ta' flats, f'fazi ta' kostruzzjoni minghajr numru estern fi Triq Sruq, Kercem, Gozo*" (dok. X a fol. 44 et seq). Fuq dan il-kuntratt ghas-socjeta intimata deher l-imsemmi Joseph Bonnici. Sussegwentement fis-7 ta' Settembru, 1999 Joseph Bonnici rriżenja minn Direttur fl-istess soċjetà intimata (dok. CA 2 a fol. 39);

8. F’xi żmien ir-rikorrenti kien gie nkarigat mis-socjeta intimata biex jaghmel xi xogholijiet fil-blokka ta’ appartamenti hawn fuq imsemmija. Il-hlasijiet ghax xoghol li kien wettaq ir-rikorrenti kienu jsiru mill-kumpanija. F’dan ir-rigward Joseph Bonnici qal li “*Lil Agus dejjem hallasnieh fis-sens illi Attard kien johrog cheque tal-kumpanija li konna ntuh lil Agius bejn kont*” (fol. 23), liema dikjarazzjoni hija kkonfermata mir-rikorrenti stess li qal “*li c-cekkijiet li kienu jinhargu kienu jinhargu minn Abba Properties Limited*” (fol. 24). Huwa kien irċieva xi sitta jew seba’ pagamenti minghand is-socjeta intimata. Ghar-rigward tal-bilanc, ta’ Lm1,500 pari ghal €3,494.06, ir-rikorrenti qal fix-xhieda tieghu tat-18 ta’ Mejju, 2012 li huwa qal li qabel ma kien gie nieqes Frenc Attard, hu, l-istess Attard u Bonnici kienu ltaqghu fil-garaxx ta’ dan ta’ l-ahhar sabiex jaghmlu l-kalkoli flimkien ta’ kemm kien l-ammont li kien ghad fadal pendenti. Kienu qablu li dan l-ammont jinqasam b’mod ugwali bejn Bonnici u Attard u li kull wiehed minnhom ihallas sehemu lir-rikorrenti. Ix-xhud Bonnici, li baqa qatt ma sarlu l-kontro-ezami, qal hekk fl-affidavit tieghu fuq dan il-punt

“*xi żmien wara jien u Attard isseparajna minn xulxin, fis-sens li ghazilna. Frenc Attard illum miet. Ftit qabel ma miet Attard, kien gie jkellimna Carmel Agius. Konna iltqajna mieghu u konna qbilna li l-bilanc li kellna naghtu lil Agius ta’ elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500). Illum ma niftakarx kemm qabel miet Attard, konna ltqajna, però kienet affari ta’ ftit xhur (xi tlett xhur). Id-dettalji ma niftakarhomx però niftakar li konna ltqajna fil-garaxx tieghi u konna qbilna it-tlieta li ahna ghal bilanċ ta’ Lm1500. Dawn kellhom jithallsu bejn tnejn jiġifieri seba’ mija u hamsin lira Maltin (Lm750) kull wiehed. Dan niftakru car*” (fol. 23).

Il-hlas dovut minghand Bonnici kien ircevieh “*madwar sena ilu*” (fol. 25). Frenc Attard miet fis-7 ta’ Ottubru 2007 (fol. 71) u skond ir-rikorrenti “*... qabel ma hu gie nieqes hu kien jghidli li kien se jghaddieli xi xoghol iehor u li ghalhekk kelli nistenna biex nirċievi l-hlas. Ovvjament jien kont nghidlu ahjar naqtghu dak li hemm b’lura u imbaghad*

*inkomplu fejn hallejna. U hu kien jghidli biex ma ninkwetax u li però kont wisq hsiebni fil-flus*” (fol. 25).

9. Ix-xhud Miguel Attard qal li la hu u lanqas familtu ma kienu jafu xejn fuqu dan l-arrangament jew dejn. Qal ukoll li “*... fil-kumpanija intimata jien m’jien xejn fil-karti però minn wara l-kwinti inkun qieghed hemm*” (fol. 72).

10. Ir-rikorrenti jghid fin-nota tieghu mressqa fl-10 ta’ Mejju, 2013 illi Joseph Bonnici hallas sehemhu u allura “*bil-hlas ta’ nofs l-ammont, Joe Bonnici irrikonoxxa l-ezistenza tad-dejn ghax kull hlas minnu nnifsu jimplika eżistenza ta’ dejn fit-termini tal-artikolu 1147(1) tal-Kap. 16. Tali hlas wassal wkoll sabiex ġiet interrotta jew rinunzjata l-preskrizzjoni (fl-eventwalita li kien ghadda tali terminu). Fit-termini tal-artikolu 1100 “l-accettazzjoni tad-dejn minn wiehed mid-debituri in solidum u kull att iehor li jikser il-preskrizzjoni ghall-wiehed minn dawk id-debituri, jikser il-preskrizzjoni wkoll ghad-debituri l-ohra u ghall-werrieta taghhom”. Id-dritt li Carmel Agius jithallas ta’ xoghlu ghadu vigenti*” (fol. 76). It-Tribunal ma jistax jaqbel ma din is-sottomissjoni u dan peress li x-xoghol ikkuntrattatu s-socjeta intimata u mhux Joseph Bonnici jew Frenc Attard personalment u ghalhekk dak li hallas Joseph Bonnici bl-ebda mod ma jista jorbot lis-socjeta intimata. Ukoll, meta sar il-hlas minn Joseph Bonnici, huwa ma kienx ghadu direttur tas-socjeta intimata. Infatti, kif ġustament irriteniet is-socjeta intimata “*L-agir ta’ Joseph Bonnici seta jorbot biss lill-Joseph Bonnici personalment, darba li dan ma kienx ghadu direttur tal-kumpanija. L-interruzzjoni tal-preskrizzjoni qatt ma setghet issehh fil-konfront tal-kumpanija minn min ma kienx ghadu la direttur u lanqas azzjonista tal-kumpanija konvenuta. Id-debitur f’dan il-kaz ma kienx Joseph Bonnici iżda l-kumpanija konvenuta u ghalhekk id-disposizzjoni tal-artikolu 1100 ma tapplikax f’dan ir-rigward. Ghalhekk u bil-wisq inqas ma tapplika d-disposizzjoni l-ohra citata mill-attur u cioe dik tal-artikolu 1147(1) tal-Kap. 16*” (fol. 78). It-Tribunal però ma huwiex konvint li Joseph Bonnici ma ghadux azzjonist l-ghaliex skond id-dokumenti esebiti, ghadu jidher li Joseph Bonnici ghad ghandu sehem wiehed (1) (ara fol. 32) ghalkemm kif diġà nghad huwa

kien irriżenja minn direttur tas-socjeta intimata b'effett mis-7 ta' Settembru, 1999 (fol. 39).

11. F'kull kaz, it-Tribunal jerggha jaghmel referenza ghal dak li qal Joseph Bonnici fl-affidavit tieghu li "*Ftit qabel ma miet Attard, kien gie jkellimna Carmel Agius. Konna iltqajna mieghu u konna qbilna li l-bilanc li kellna naghtu lil Agius ta' elf u hames mitt Liri Maltin (Lm1500). Illum ma niftakarx kemm qabel miet Attard, konna ltqajna, però kienet affari ta' ftit xhur (xi tlett xhur). Id-dettalji ma niftakarhomx però niftakar li konna ltqajna fil-garaxx tieghi u konna qbilna it-tlieta li ahna ghal bilanċ ta' Lm1500. Dawn kellhom jithallsu bejn tnejn jiġifieri seba' mija u hamsin lira Maltin (Lm750) kull wiehed. Dan niftakru car*" (fol. 23). Joseph Bonnici baqa qatt ma gie kontro-ezaminat.

12. Jinghad li l-process tal-kontro-ezami huwa li, "*a party seeks: (a) to test the veracity and accuracy of evidence in chief, given by a witness called for another party; and (b) to elicit from that witness any relevant facts which may be favourable to the case for the cross-examiner. Cross-examination designed solely to discredit the witness and to destroy or reduce his credibility, is sometimes known as 'impeachment' and is perfectly permissible*[1]".

13. L-awtur **G. D. Nokes**[2] jghid li "*Cross-examination has the primary object of nullifying or modifying the evidence of the witness* […] *it is designed to test the accuracy of the witness's evidence* […] *cross-examination gives the witness an opportunity to deal with the case for the other party. The cross-examination must show what part of the witness's evidence is contested, and the opposite version of those facts must be stated to the witness for his comment or explanation*."

---

[1] **Peter Murphy**, Murphy on Evidence, 7th ed., 2000; p. 509;

[2] An Introduction to Evidence, 4th ed., Sweet & Maxwell, 1967; pp.407–408;

14. L-importanza li jsir kontro-ezami hu spjegat minn **Ian Dennis**[3] f'dawn it-termini: "*The cross-examiner may also wish to test and challenge the unfavourable testimony that the witness has given in chief, hoping to get the witness to modify or qualify it, or even to admit that it was a lie or a mistake*."

15. Issa, abbinat ma dan, insibu ritenut li, "***Failure to cross-examine a witness*** *who has given relevant evidence for the other side* ***is held technically to amount to an acceptance of the witness's evidence in chief****. It is, therefore, not open to a party to impugn in a closing speech, or otherwise, the unchallenged evidence of a witness called by his opponent, or even to seek to explain to the tribunal of fact the reason for the failure to cross-examine* […] *Accordingly, it is counsel's duty, in every case: (a) to challenge every part of a witness's evidence which runs contrary to his own instructions; (b) to put to the witness, in terms, any allegation against him which must be made in the proper conduct of the case; and (c) to put to the witness counsel's own case, in so far as the witness is apparently able to assist with relevant matters, or would be so able, given the truth of counsel's case*[4]". L-istess hu l-hsieb ta' l-awtur imsemmi fil-paragrafu 15 ta' din is-sentenza, fejn jirrimarka illi, "*failure to cross-examine implies acceptance of the truth of the witness's testimony, as reiterated in R. v. Hart [(1932) 23 C.A.R. 202.]*[5].".

16. Huwa minnu li dawn ic-citazzjonijiet aktar il-fuq riportati jirrigwardaw id-dritt Anglo Sassonu, pero t-Tribunal jirrimarka li dawn huma applikabbli *mutatis mutandis* ghall-ordinament Malti. Ta' min ifakkar illi l-Kodici Procedurali taghna jsib il-fonti tieghu fid-dritt Ingliz. Il-*Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili* (Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta) kien modellat, fil-gran parti tieghu, fuq in-normi procedurali Anglo-Sassoni, normi illi gew

---

[3] Law of Evidence, Sweet & Maxwell 4th ed., 2010; p.596;

[4] **Peter Murphy**, *op. cit.*, p.511;

[5] **G. D. Nokes**, *op. cit.*, p.407;

imhaddna fl-ordinament taghna fi zmien meta Malta kienet tifforma parti mill-Imperu Brittaniku.

17. Fil-fatt fil-monografija "Storia della Legislazione in Malta", l-gurista eminenti Malti **Paolo De Bono** (Malta, 1897) ifisser li taht l-Imperu Ingliz, "*Varie altre leggi parziali, riguardanti l'organizzazione, il procedimento, le prove giudiziarie, furono pubblicate sino al 1850. Nel quale anno la commissione legislativa nominata il 7 agosto 1848 presentò il progetto del codice di leggi organiche e di procedura civile*." (p.320) u illi, "*Il diritto probatorio è in gran parte modellato sul sistema inglese, giá introdotto nell'isola sin dall'anno 1825. Ma i singoli provvedimenti sono alcune volte superiori a quelli delle leggi inglesi medesime*." (p.322) Importanti ferm illi l-imsemmi awtur, f'*footnote* ghal din l-ahhar kwotazzjoni, jghid, *inter alia*, hekk: "*Ma lo studio delle opera de' giuristi inglesi è in questo ramo indispensabile. Ai giovani raccomando specialmente la lettura del BEST, 'The principles of the law of evidence' 8th edizione curata dal LELY (Londra 1893). È un'opera che tratta metodicamente la materia, esponendo i canoni fondamentali del diritto probatorio inglese, tracciandone le sorgenti, e mostrandone il nesso*". (pp.322–323).

18. Bhala ezempju reċenti ta' dak hawn fuq spjegat, it-Tribunal jirreferi ghas-sentenza **Lawrence Sive Lorry Sant vs In-Nutar Guze' Abela**[6] fejn naraw li l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili ghamlet referenza ampja ghad-duttrina Ingliza ghal dak li ghandu x'jaqsam mal-*law of evidence* relattivi ghax-xhieda. Fis-sentenza gie kwotat l-awtur **Peter Murphy** (ara *supra*), l-opra "*Modern Law of Evidence*" (2nd edition) ta' **Adrian Keane** u l-opra ntitolata "*Cross on Evidence*" (2nd Australian edition). Aktar qrib zminijietna, l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, fil-kawza fl-ismijiet **Michael Agius vs. Rita Caruana**[7] ghamlet referenza ampja ghar-regoli ta' evidenza Inglizi

---

[6] Deciza fis-27 ta' April, 1993 il-Prim'Awla tal-Qorti Civili per S.T.O. J. Said Pullicino;

[7] Ara digriet kamerali moghti fl-10 ta' Marzu, 2011 mill-Onorevoli Mhallef J. R. Micallef;

f'dak li jirrelata ma produzzjoni ta' evidenza dokumentarja u l-valur probatorju taghha.

19. Dan juri li referenza ghandha ssir lejn il-principji regolaturi Inglizi fuq it-tematika tad-dritt procedurali relattivi ghall-provi u x-xhieda fil-qasam civili.

20. Biex nghalqu fuq din it-tematika tal-kontro-ezami, jinghad li *di natura* l-kontro-ezami "*is beyond any doubt the greatest legal engine ever invented for the discovery of truth*[8]".

21. Dan kollu nghad l-ghaliex ma hemmx prova kuntrarja fil-process kollu li turi li dak li xehed Joseph Bonnici dwaru u cioe l-ftehim li kien sar bejnu u bejn Frenc Attard mar-rikorrenti ma huwiex minnu. Frenc Attard, kien u baqa direttur u azzjonista tas-socjeta intimata u allura kull ftehim li huwa ghamel jew seta' ghamel mar-rikorrenti kien jorbot lis-socjeta intimata.

22. Inghad mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri) fil-kawza fl-ismijiet **Joseph Tonna vs Philip Azzopardi** deciza fit-12 ta' April, 2007 illi in materja ta' provi r-regoli l-aktar prevalenti fl-ordinament guridiku taghna jidhru li huma dawn:

(1) Ibda biex ir-regola tradizzjonali tal-piz tal-provi timponi a kariku tal-parti li tallega fatt l-oneru li ggib il-prova ta' l-ezistenza tieghu. Tali oneru hu ugwalment spartit bejn il-kontendenti, sija fuq l-attur li jsostni l-fatti favorevoli li jikkostitwixxu l-bazi tad-dritt azzjonat minnu (actori incumbit probatio), sia fuq il-konvenut ghas-sostenn tal-fatt migjub minnu biex jikkontrasta l-pretiza ta' l-attur (reus in excipiendo fit actor)[9].

(2) Fil-kors tal-kawza dan il-piz jista joxxilla minn parti ghall-ohra, ghax, kif jinghad, 'jista jkun gie stabbilit fatt li juri prima facie li t-tezi ta' l-attur hija sostenuta'[10].

---

[8] **Larry S. Pozner** u **Roger J. Dodd**, "Cross-Examination: Science & Techniques", 2nd ed., 2004; §1.02, p. 1–3
[9] Ara Kollez. Vol. XLVI.I.5;
[10] Ara Kollez. Vol. XXXVII.I.577;

(3) Il-gudikant adit mill-meritu tal-kaz hu tenut jiddeciedi iuxta allegata et probata, u dan jimporta illi d-decizjoni tieghu tigi estratta unikament mill-allegazzjoni tal-partijiet. Jigifieri, minn dawk ic-cirkustanzi tal-fatti dedotti ghab-bazi tad-domanda jew ta' l-eccezzjoni u l-provi offerti mill-partijiet. Jikkonsegwi illi d-dixxiplina tal-piz tal-provi ssir bazi tar-regola legali tal-gudizzju in kwantu timponi fuq il-gudikant il-konsiderazzjoni li l-fatt allegat mhuwiex veru ghax mhux ipprovat;

23. Il-valutazzjoni tal-provi hu fondat fuq il-principju tal-konvinciment liberu tal-gudikant. Lilu hu moghti l-poter diskrezzjonali ta' l-apprezzament tar-rizultanzi probatorji u allura hu liberu li jibbaza l-konvinciment tieghu minn dawk il-provi li hu jidhirlu li huma l-aktar attendibbli u idoneji ghall-formazzjoni tal-konvinciment tieghu. Naturalment dik id-diskrezzjoni tieghu hi soggetta ghal dak il-limitu legali impost fuqu mill-Artikolu 218 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili li jrid li fis-sentenza tinghata motivazzjoni ragonata li tikkonsenti l-kontroll tal-hsieb logiku segwit fuq appell interpost mis-sentenza. Motivazzjoni din, li jekk jinstab li tirrispondi mal-logika u r-razzjonalita, kif ukoll koerenti ma' l-elementi utilizzati allura skond gurisprudenza konkordi, ma tigix disturbata minn Qorti ta' revizjoni[11].

24. Huwa minnu li r-rikorrenti kien ilu li gie nkarigat sabiex jaghmel ix-xogholijiet fuq l-appartamenti li kienu nxtraw mis-socjeta intimata ġewwa Kercem snin qabel ma saret din il-kawza. Pero, skond ma xehed ir-rikorrenti u l-istess Joseph Bonnici, l-pagamenti ghal dan ix-xoghol kien qieghed isir ftit ftit matul iz-zminijiet u li meta l-partijiet iltaqghu fil-garaxx ta' Bonnici biex jaraw x'kien ghad fadal pendenti, dan l-inkontru kien sar ftit xhur qabel ma miet Frenc Attard fis-7 ta' Ottubru, 2007. Meta t-Tribunal staqsa ghar-rendikont qasir u dettaljat li fih jiġu ndikati d-dati li fihom saru l-allegati hlasijiet lir-rikorrenti mis-socjeta intimata, u f'kaz li dawn il-hlasijiet saru b'cekkijiet, allura d-data ta' meta dawn gew imssarfa (ara digriet datat 5 ta'

[11] Ara Kollez. Vol. XXIV.I.104;

April, 2013 – fol. 68) it-twegiba li ha kienet "*li huma m'ghandhom ebda dokumentazzjoni ta' hlasijiet li saru lill-attur ta' qabel u lanqas wara l-mewt ta' Frenc Attard*". Irrizulta a sodisfazzjon tat-Tribunal li l-hlasijiet kienu jsiru bic-cekkijiet mis-socjeta intimata. Dan irriżulta mix-xhieda ta' Joseph Bonnici u mix-xhieda tar-rikorrenti. It-Tribunal ma ghandux ghalfejn jiddubita minn dak li intqal minn Joseph Bonnici u mir-rikorrenti. Kif inhu risaput, l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni ghandha tiġi interpretata b'mod ristrett[12]. Hekk qieghed isir f'dan il-kaz, u t-Tribunal ghalhekk qieghed jichad l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni tas-socjeta intimata a tenur ta' l-artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 qeghda tiġi michuda.

25. Ghar-rigward tat-tielet eċċezzjoni mqanqla mis-socjeta intimata u cioe li hija ma ghandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti, diġà rajna li s-socjeta intimata kienet inkarigat lir-rikorrenti sabiex jaghmel xi xogholijiet fil-blokka ta' appartamenti li hija kienet xtrat ġewwa Kercem u li r-rikorrenti kien jithallas mis-socjeta intimata ghal dawn ix-xogholijiet li huwa wettaq. Ghalhekk, anke din l-eccezzjoni sejra tiġi michuda.

26. B'referenza ghat-talba tal-hlas tas-somma ta' €1747.03 li fi flus antiki jiġu Lm750, it-Tribunal huwa sodisfatt li dan l-ammont huwa dovut, anke ghaliex is-socjeta intimata qatt ma staqsiet jew ikkontestat dan l-ammont.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal jaqta u jiddeciedi din il-kawza billi:

1) Jichad l-ewwel eċċezzjoni tas-socjeta rikorrenti stante li l-Gudikatur li kien fil-bidu f'din il-kawza kien irrikuza ruhhu milli jisma l-kaz hekk kif titlob il-ligi;

2) Jichad it-tieni eċċezzjoni mqanqla mis-socjeta intimata u cioe li l-azzjoni odjerna hija perenta a tenur ta' l-

[12] Ronald Naudi noe vs Unispeed Shipping and Forwarding Limited – deċiża mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Gunju, 2033 per Onor. Imh. J.R. Micallef;

artikolu 2148(a) tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta ghar-ragunijiet fuq migjuba;

3) Jichad it-tielet eċċezzjoni tas-socjeta intimata u cioe li hi ma ghandha l-ebda relazzjoni ġuridika mar-rikorrenti ghar-ragunijiet kollha fuq miġjuba.

4) Konsegwentement jilqa t-talba tar-rikorrenti u jikkundanna lis-socjeta intimata thallas lill-istess rikorrenti s-somma ta’ elf seba’ mija u sebgha u erbghin euro u tlett ċenteżmi ta’ euro (€1,747.03) bl-imghaxijiet kif mitluba.

L-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jithallsu fl-intier mis-socjeta intimata.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------